# L-Imdina

- L-Imdina hija **l-Belt il-Qadima ta' Malta**. Hija magħrufa ukoll bħala l-**Belt is-Siekta**. Din inbniet fi żmien ir-Rumani, fuq **għolja** qrib ir-Rabat Malta. Din il-belt inbniet fuq għolja biex:



1. l-għassiesa tal-belt ikunu jistgħu josservaw x'inhu jiġri madwarhom u jaraw jekk humiex ġejjin l-għadu. Minn fuq is-swar tista' tara nofs il-ġżira.
2. l-għadu jsibha diffiċli ħafna biex jasal sal-belt.



- Fi żmien ir-Rumani **l-Imdina kienet 3 darbiet akbar milli hi llum**. L-Imdina kienet imdwra b'erba kilometri ta' swar u foss. Fiha kienu joqogħodu l-aktar nies importanti fis-soċjeta. Kellhom djar u palazzi sbieħ imżejna b'kolonni u statwi. Waħda minn dawn hija d-**Domus Romana, li tinsab ir-Rabat (Malta)**, sewwa sew qabel tidħol l-Imdina. Din għadha hemm sal-lum.



- Ħafna jsostnu li **Publiju**, il-gvernatur Ruman fi żmien San Pawl, kellu l-palazz tiegħu fl-Imdina, fil-post fejn illum hemm il-**Katidral ta' l-Imdina**.

- Wara r-Rumani ġew l-Għarab li kienu Misilmin. L-ewwel xogħol tagħhom kien li jsaħħew id-difiża tal-gżira. Għalhekk **l-Għarab ċekknu l-belt b'terz** ta' li kienet billi bnew is-swar aktar 'il ġewwa.

- Fi żmien l-Għarab il-Katidral ġie żdingat (ma ħadux ħsiebu), minħabba li ma kinux Insara.

- Wara l-Għarab ġew in-Normanni mmexxijin mill-Konti Ruġġieru li reġa irranġa l-Katidral.

- Wara n-Normanni kellna bosta ħakkiema oħra fosthom l-Ispanjoli li **bnew palazzi u knejjes mill-isbaħ** u li għadna naraw sal-lum. Wara d-disfatta ta' Monroy, ir-Re Alfonsu V (5) ta' Spanja sejjaħ lill-Imdina **'Citta Notabile della mia corona' li tfisser "Ġawhra prezzjuża fil-Kuruna tiegħi'**. Dan kien unur kbir għall-Imdina. Dan id-dokument għadu jeżiżti fil-Mużew tal-Katidral fl-Imdina stess. Hu għalhekk li l-Imdina hi magħrufa wkoll bħala **Citta' Notabile**.

- Fl-1530 f'Malta ġew il-Kavallieri ta' San Ġwann. Il-Kavallieri kellhom ħafna dgħajjes u armi tal-ġlied. Huma **ma xtaqux li joqogħdu fl-Imdina peress li l-Imdina kienet bogħod wisq mill-baħar u mix-xwieni tagħhom**. Għalhekk huma għażlu li jmorru joqgħodu **fil-Birgu**. Matul dan iż-żmien l-Imdina bdiet tnaqqas mill-importanza tagħha.







# Postijiet ta' interess fl-Imdina



- Biex tidħol l-Imdina trid tgħaddi minn fuq il-**pont li taħtu hemm foss**. Dari dan il-foss kien ikun mimli bl-ilma.
- Minn fuq il-pont nistgħu naraw is-swar għoljin li jdawru l-belt.
- Naraw ukoll il-Bieb Prinċipali mżejjen bl-arma tal-Gran Mastru Manoel de Vilhena.



- Fuq il-bieb, in-naħa ta' ġewwa, hemm minquxa l-figura ta' **San Pawl, San Publiju** u **Sant' Agata** - il-patruni ta' Malta u ta' l-Imdina.



- Fuq il-lemin hemm **il-Palazz Vilhena**. Dan kien mibni mill-Granmastru Manoel de Vilhena ftit wara t-terremot ta' 1693. Dan il-palazz serva ta' sptar għal ħafna snin iżda llum qed iservi bħala **Mużew ta' l-Istorja Naturali. F'dan il-mużew insibu annimali, insetti, għasafar, blat ta' Malta u fossili.**



- Maġenbu eżatt hemm l-'Mdina Dungeouns' li kienu iservu bħala **ħabs** fis-seklu 15.



⁎ Minn hawn nimxu għat-Triq Prinċipali - **Triq Villegaignon**, li hija l-iktar triq wiesgħa fl-Imdina.



- It-toroq l-oħra ta' l-Imdina kienu **kollha dojoq u jilwu sikwit biex**:

1. f'każ ta' attakk l-għadu jitfixkel f'ħafna toroq dojoq
2. Il-vleġeġ ma jwasslux fit-tul
3. Id-djar jkunu protetti mix-xemx

- Kif nidħlu fi Triq Villegaignon insibu **l-Kappella ta' Sant Agata**. Din il-qaddisa hija mportanti għall-Imdina għax meta t-Torok fl-1551 attakkaw lill-Imdina ġrat storja kurjuża. Din il-qaddisa dehret lil soru f'ħolma u qaltilha li jekk joħorġu l-istatwa tagħha fuq is-swar, it-Torok jaħarbu. Il-Maltin hekk għamlu u hekk sar. Min hawn it-Torok baqgħu sejrin lejn Għawdex fejn kaxkru n-nies kollha (madwar 6,000 ruħ) ilsiera. Ħallew biss ix-xjuħ u dwak li ma kienux b'saħħithom.



- Faċċata tal-Kappella ta' Sant' Agata hemm **Casa Inguanez** - palazz tas-seklu 14.
- Fuq il-lemin jinsab ukoll **il-Kunvent tas-sorijiet** klawsura tal-Benedittini.
- Hemm ukoll post fejn jinżammu d-dokumneti storiċi ta' pajjiżna - **Arkivji Nazzjonali**.



- F'nofs triq Villegaignon naraw **il-pjazza tal-Katidral u l-Katidral** nnifsu. Fit-terremot ta' l-1693 dan il-Katidral ġarrab ħafna ħsara. Wara t-terremot il-pjazza twessgħet, tranġa l-Katidral u tela' l-bini sabiħ li naraw illum.

- Il-Katidral huwa ddedikat **lill-konverzjoni ta' San Pawl**. Dan inbena fuq **id-disinn ta' Lorenzo Gafa**. Fi żmien ir-Rumani flok il-Katidral kien hemm **il-Palazz fejn kien joqgħod Publiju**. Il-Katidral inbena fl-**istess post** fejn kien hemm il-Palazz ta' Publiju. Publiju kien il-mexxej tal-gżira fi żmien meta San Pawl wasal Malta. Dan il-Palazz inbidel fi knisja fi żmien San Pawl.

- Fl-art tal-Katidral hemm midfuna ħafna nies nobbli u monsinjuri tal-Katidral.

- Il-Katidral tal-Imdina huwa **l-knisja prinċipali ta' l-Arċidjoċesi ta' Malta** li fiha jqaddes l-Arċisqof ta' Malta Pawlu Cremona.

- Fuq in-naħa ta' wara tal-Katidral hemm **il-palazz ta' l-Arċisqof**.

- Fix-xellug tal-Katidral insibu **l-Mużew tal-Katidral** fejn nistgħu naraw oġġetti prezzjużi u l-Arkivji tal-Katidral.





- Lura lejn triq Villegaignon nsibu **kappella ta' Santu Rokku** li llum aktar magħrufa bħala l-**Madonna tad-Dawl**. Faċċata hemm **il-knisja u l-kunvent tal-Madonna tal-Karmnu**. Minn din il-knisja l-Franċiżi(fi żmien Dun Mikiel Xerri) riedu jisirqu ħafna oġġetti sagri u tapezzeriji. Il-Maltin irvellaw kontra l-Franċiżi.



- Meta nimxu ftit insibu **Palazzo Falzon**, aktar magħruf bħala **d-Dar Normann**. L-ewwel Granmastru tal-kavallieri laqgħuh hawn fl-ewwel żjara tiegħu f'din il-belt. Dan il-palazz qed **jiġi restawrat u mibdul f'mużew ta' pitturi**, **għamara u oġġetti tal-fidda**.





- F'tarf it-triq naslu fi pjazza żgħira imma popolari ħafna mat-turisti u mal-Maltin. Din hi **l-Pjazza tas-Swar minn fejn nistgħu naraw dehra mill-isbaħ ta' nofs Malta**.

- Fl-Imdina nsibu ukoll **it-Torri tal-Istandard**. F'dan it-Torri **kien isir l-għassa mal-Imdina**.



- **Bieb il-Griegi** - il-bieb l-antik li kien jintuża fis-seklu 15.





